29 ta' Lulju, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Francis Aquilina et.

**Appell — Provi — Kampjun — Kunserva tat-Tadam — Art. 425(1)(b)(vi) tal-Kodiċi Kriminali**

*Fost il-każi li fihom hu konċess lill-Attorney General appell minn sentenza kriminali tal-Qorti tal-Maġistrati, hemm dak meta l-Pulizija tkun ġiet impedita fil-kawża li ġġib xi prova li tkun indispensabbli biex isaħħaħ l-akkuża u li skond il-liġi tista' tinġieb.*

*Dan id-dispost tal-liġi ovvjament japplika għall-każ li l-Qorti tkun erroneament ma dmintelietx prova tal-Prosekuzzjoni, indispensabbli biex issaħħaħ l-akkuża, tant jekk il-Qorti tkun ċaħdet il-prova b'deċiżjoni preliminari kemm jekk tkun ċaħditha fl-istess deċiżjoni finali; f'liema eventwalità, ir-riġett tal-prova jkun jinvolvi punt ta' dritt ammontanti għall-applikazzjoni erronea tar-regoli li jiddixxiplinaw l-ammissibilità tal-provi fi proċess kriminali; u allura l-liġi tikkonċedi l-appell lill-Attorney General.*

*Fil-każ ta' akkuża fis-sens li l-imputat għamel u biegħ kunserva tat-tadam ta' konċentrazzjoni aktar baxxa milli jmissha tkun, il-kampjun elevat minn għand l-imputat ta' dik il-kunserva, u l-analisi tal-kampjun hekk elevat mill-analitiku tal-Gvern, huma prova indispensabbli biex issaħħaħ l-akkuża; u l-fatt li l-Maġistrat ikun irriġetta l-prova tal-Prosekuzzjoni konsistenti fil-produzzjoni ta' dak il-kampjun u ta' dik l-analisi, fuq il-motiv li dak il-kampjun ittieħed, u l-analisi tiegħu saret, mhux skond il-liġi, u għalhekk ikun illibera lill-imputat minħabba nuqqas ta' provi, jikkostitwixxu appuntu każ ta' riġett ta' prova indispensabbli biex issaħħaħ l-akkuża; għalhekk l-Attorney General jista' jappella minn dik is-sentenza. Għax l-Ewwel Qorti tkun illiberat lill-imputat fuq apprezzament ta' provi li kien nieqes minn element probatorju indispensabbli u erroneament miċħud; u l-liġi trid li din l-eventwalità tiġi regolarizzata billi tikkonċedi appell lill-Prosekuzzjoni.*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni magħmula lil Francis Aquilina u lil Emmanuele Aquilina illi, bħala fabbrikanti tal-kunserva tat-tadam, għamlu u biegħu kunserva tat-tadam ta' konċentrazzjoni aktar baxxa mit-28 fil-mija, mingħajr ma jiġi kunsidrat il-melħ jew zokkor miżjud; u illi biegħu u żammew għall-bejgħ, bi ħsara tax-xerrej, ħwejjeġ tal-ikel — kunserva tat-tadam — li ma kienetx tax-xorta, sustanza u kwalità tal-oġġett mitlub mix-xerrej;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tat-8 ta' Lulju 1957, li biha ġie dikjarat eżawrit il-proċediment kontra l-imputat Francis Aquilina, billi l-imputat Emmanuele Aquilina assuma r-responsabilità bħala Manager ta'

"The Malta Canneries Ltd.", u li biha ġiet milqugħa l-eċċezzjoni ta' l-istess Emmanuele Aquilina li l-kampjun tal-kunserva nvolut fil-kawża ma ġiex meħud kif trid il-liġi, u l-istess imputat ġie liberat;

Rat ir-rikors tal-Avukat tal-Kuruna Anzjan, li bih appella mill-imsemmija sentenza fir-rigward tal-imputat Emmanuele Aquilina, u talab li dik is-sentenza tiġi revokata, billi l-istess imputat jiġi dikjarat ħati skond l-imputazzjoni u kundannat skond il-liġi;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Lulju 1957, fejn jidher li l-appellat preliminarment eċċepixxa l-inappellabilità tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, fuq il-motiv li fil-każ preżenti ma tirrikorri ebda waħda mill-ipotesijiet kontemplati fil-paragrafu (iv) tal-art. 425(1)(b) tal-Proċedura Kriminali biex jingħata appell lill-Attorney General minn sentenza liberatorja, u li l-paragrafu (vi) tal-istess artikolu, ċitat mill-appellant, ma jikkonċedix appell lill-Attorney General meta l-imputat ikun ġie liberat fuq apprezzament ta' provi;

Semgħet it-trattazzjoni tal-eċċezzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta mill-atti tal-proċess li quddiem l-Ewwel Qorti l-appellat preliminarment eċċepixxa illi l-kampjun tat-tadam involut fil-kawża ma kienx meħud skond il-liġi, u li għalhekk tonqos il-prova legali tal-identità tiegħu, u l-imputazzjoni ma setgħet tkun f'ebda każ sostnuta. L-appellat talab li dan il-pont jiġi deċiż preliminarment, u ssottometta illi, jekk aċċettat, jipprekludi l-kontinwazzjoni tal-kawża. Wara li semgħet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, l-Ewwel Qorti ddifferiet il-kawża għat-8 ta' Lulju 1957 għad-deċiżjoni fuq il-kwistjoni preliminari, u jekk ikun hemm bżonn għat-trattazzjoni fil-meritu. F'dik id-data l-Qorti pprofferiet is-sentenza appellata;

Illi l-appellant iddeduċa bħala aggravju (1) illi s-sentenza tikkontjeni enunċjazzjoni ħażina tal-ipotesi tal-liġi, fis-sens li l-Ewwel Qorti rriteniet (a) illi f'dan il-każ kien hemm bżonn li tiġi segwita "ad litteram" il-proċedura ndikata fir-regolament 7(4) tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 386 tal-1955 u fl-art. 171 tal-Kap. 54, u (b) illi, fl-ipotesi li dik il-proċedura kienet applikabbli, l-inosservanza tagħha kellha neċessarjament twassal għall-liberazzjoni; (2) illi huwa applikabbli għall-każ l-art. 425(1)(b)(vi) tal-Proċedura Kriminali, billi s-sentenza sostanzjalment timporta riġett ta' prova indispensabbli u ammissibbli skond il-liġi, ċjoè tal-landa tal-kunserva u tar-riżultat tal-analisi; (3) illi s-sentenza hija difettuża u nulla in virtù tal-art. 425(3) tal-Proċedura, b'lok għall-appell mill-Attorney General, għax il-motivazzjoni tas-sentenza, kif espressa fl-aħħar paragrafu, hija inkonsistenti mat-tenur tal-premessi, fis-sens li tgħid li l-appellat ġie liberat għax ma kienx hemm provi, u mhux għax il-produzzjoni tal-provi ġiet riġettata;

Illi, però, waqt it-trattazzjoni tal-kawża l-appellant irrinunzja għall-ewwel u t-tielet aggravju. Tabilħaqq, kwantu għat-tielet motiv, fuq in-nullità tas-sentenza, l-art. 425 tal-Proċedura jikkommina n-nullità tas-sentenza u jagħti appell lill-Attorney General minħabba fl-istess nullità, meta l-imputat ikun ġie liberat għar-raġunijiet indikati fil-paragrafi (iv) (v) (vi) tal-art. 425(1)(b), iżda l-Qorti fis-sentenza ma tkunx semmiet ċar din ir-raġuni. Fis-sentenza in kwistjoni, l-Ewwel Qorti għamlet ċar li ċaħdet bħala prova legali l-kampjun tat-tadam billi laqgħet l-eċċezzjoni tal-appellant bil-kliem "il-kampjun tal-kunserva tat-tadam ma ġiex meħud skond il-liġi", u hekk ma ammettietx ir-riżultat tal-analisi, immotivat estensivament din il-konklużjoni, u bħala konsegwenza, bil-kliem "billi għalhekk ma hemmx provi", illiberat lill-imputat;

Illi, għalhekk, l-aggravju tal-appellant jinsab limitat għat-tieni wieħed dedott minnu, ċjoè dak in bażi għall-paragrafu (vi) tal-art. 425(1)(b) tal-Proċedura Kriminali;

Ikkunsidrat;

Illi l-art. 425 jenumera l-każi meta hu konċess lill-Attorney General appell minn sentenza kriminali tal-Qorti tal-Maġistrati, u fil-paragrafu (iv) jagħti dan l-appell meta l-imputat jiġi liberat minħabba li l-fatt ma jikkontjenix l-elementi tar-reat, minħabba l-estinzjoni tal-azzjoni, jew minħabba "res judicata". Fil-paragrafu (vi) mbagħad, l-istess artikolu jiddisponi illi l-Attorney General għandu appell meta l-Pulizija tkun ġiet impedita fil-kawża li ġġib xi prova li tkun indispensabbli biex issaħħaħ l-akkuża u li skond il-liġi setgħet tinġieb. Dan id-dispost tal-liġi ovvjament japplika għall-każ li l-Qorti tkun erroneament ma ammettietx prova tal-Pulizija indispensabbli biex issaħħaħ l-akkuża, tant jekk il-Qorti tkun ċaħdet il-prova b'deċiżjoni preliminari kemm jekk tkun ċaħditha fl-istess deċiżjoni finali. F'din l-eventwalità, ir-riġett tal-prova jkun jinvolvi punt ta' dritt ammontanti għall-applikazzjoni erronea tar-regoli li jiddixxiplinaw l-ammissibilità tal-provi fi proċess kriminali; u allura l-liġi tikkonċedi appell lill-Attorney General. Fl-imsemmi paragrafu (vi) il-liġi qegħedha tikkontempla proprju l-każ ta' liberazzjoni mill-imputazzjoni meta prova indispensabbli biex issaħħaħ l-imputazzjoni tkun ġiet miċħuda lill-Prosekuzzjoni, meta skond il-liġi kellha tiġi ammessa. L-imsemmi paragrafu tal-art. 425, kwindi, jistabbilixxi każ ta' appell lill-Attorney General separatament mill-każi enumerati preċedentement u in aġġunta magħhom;

Ikkunsidrat;

Illi fis-sentenza appellata l-fatti huma esposti hekk: "Mill-provi jirriżulta illi, fl-14 ta' Mejju 1957, P.C. 291 G. Agius, fuq ordni tas-superjuri tiegħu, mar fil-ħanut tal-grocer ta' Paul Brincat u xtara bott kunserva tat-tadam (dok. A). Dan il-bott, ossija landa, kien magħluq. Il-kuntistabbli ma għarraf xejn lil Brincat għalfejn kien qiegħed jixtrieħ, u wara li ħareġ mill-ħanut għamel il-firma tiegħu fuq il-bott, u permezz ta' P.C. 696 Abela bagħtu d-Diparti-

ment Mediku u tas-Saħħa, fejn ġie eżaminat mill-analitiku Professur Ph. Farrugia. Għalkemm ma qagħadx jagħti każ tal-firma, il-Professur Farrugia assigura illi l-bott eżibit u minnu eżaminat huwa l-istess wieħed li ġieblu P.C. Abela. Il-bott huwa tal-marka "Ajkla", tat-tip reċentement maħruġ fuq is-suq, u huwa prodott mill-fabbrika tal-imputati. Brincat (proprjetarju tad-ditta "George Rapa") kien xtrah minn għand il-"wholesaler" Domenico De Brincat; u dana minn għand l-imputati, skond kif jidher ukoll mill-fatturi eżibiti". Wara li l-Ewwel Qorti ddikjarat li l-kampjun tal-kunserva ma ġiex meħud skond il-liġi, u li għalhekk ma kienx hemm provi kontra l-appellat, hija lliberatu;

Illi l-appellant issottometta, fir-rikors tal-appell u oralment, illi l-prova riġettata mill-Ewwel Qorti tikkonsisti fil-produzzjoni tal-landa tal-kunserva u fir-riżultat tal-analisi skond l-analitiku Professur Philip Farrugia. Huwa sostna illi, kuntrarjament għal dak li rriteniet l-Ewwel Qorti, l-inosservanza tal-proċedura indikata fl-art. 7(4) tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 386 tal-1955 u fl-art 171 tal-Kap. 54, ma twassalx bil-liġi għall-inammissibilità tal-prova tal-kampjun meħud u tar-riżultat tal-analisi li saret fuqu, u li dil-prova kienet indispensabbli għall-Pulizija biex isaħħaħ l-imputazzjoni. Jekk id-deduzzjoni tal-appellant issib sostenn fil-fatt u fil-liġi, allura l-appell tiegħu jkun fit-termini tal-paragrafu (vi) tal-art. 425(1)(b) fuq imsemmi, u ma jkunx jikkostitwixxi ostakolu għall-appell dak li ssottometta l-appellat, li l-Ewwel Qorti lliberatu fuq apprezzament tal-provi; għax allura jkun il-każ ta' apprezzament nieqes minn element probatorju indispensabbli u erroneament miċħud. Il-liġi trid li din l-eventwalità tiġi regolarizzata, billi tikkonċedi, kif ingħad, appell lill-Prosekuzzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiċħad l-eċċezzjoni u tordna li l-kawża titkompla fuq it-tieni gravam tal-appellant, ċjoè dak in bażi għall-paragrafu (vi) tal-art. 425(1)(b) tal-Proċedura Kriminali.